ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/317

tal-24 ta' Frar 2015

dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Stat Terz għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex ikun hemm kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (ATALANTA/2/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2009 tal-21 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bi ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (2009/369/PESK) ([2]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi.

(2) Fid-29 ta' April 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni ATALANTA/2/2014 ([3]) li emendat id-Deċiżjoni ATALANTA/3/2009.

(3) Wara r-rakkomandazzjoni dwar kontribut mill-Kolombja mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE fl-24 ta' Ottubru 2014 u l-parir mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea fit-22 ta' Jannar 2015, il-kontribut mill-Kolombja għandu jiġi aċċettat.

(4) Il-parteċipazzjoni tal-Kolombja hija soġġetta għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kolombja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet ([4]), iffirmat fil-5 ta' Awwissu 2014.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kontribut mill-Kolombja għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex ikun hemm kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) huwa aċċettat u huwa meqjus bħala sinifikanti.

2. Il-Kolombja hi eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-Atalanta.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
([2]) ĠU L 112, 6.5.2009, p. 9.
([3]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/2/2014 tad- 29 ta' April 2014 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Pajjiż Terz għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex ikun hemm kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li temenda d-Deċiżjoni ATALANTA/3/2009 (2014/244/PESK) (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 63).
([4]) ĠU L 251, 23.8.2014, p. 8

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS